



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' April 2019
(OR. en)

7683/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0005 (NLE)

RECH 178
COEST 76

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar it-tiġdid tal-Ftehim fuq kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa
----------	--

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/ ...

ta' ...

**dwar it-tiġdid tal-Ftehim fuq kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija
bejn il-Komunità Ewropea
u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 186, flimkien mal-punt (v) tal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni 2000/742/KE¹, il-Kunsill approva l-konklużjoni tal-Ftehim fuq kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa (il-“Ftehim”). Il-Ftehim ġie ffirmat fi Brussell fis-16 ta’ Novembru 2000 u daħal fis-seħħ fl-10 ta’ Mejju 2001.
- (2) Taħt il-punt (b) tal-Artikolu 12 tal-Ftehim, il-Ftehim jista’ jiġġedded bi ftehim komuni bejn il-Partijiet għal perjodi addizzjonali ta’ ħames snin.
- (3) Il-Ftehim inizjalment ġie konkluż sal-31 ta’ Diċembru 2002. Permezz tad-Deċiżjonijiet 2003/798/KE², 2009/313/KE³ u 2014/50/UE⁴, il-Kunsill approva t-tiġdid tal-Ftehim għal perjodu addizzjonali ta’ ħames snin kull darba. Il-Ftehim skada fl-20 ta’ Frar 2019.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/742/KE tas-16 ta’ Novembru 2000 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa (ĠU L 299, 28.11.2000, p. 14).

² Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/798/KE tal-5 ta’ Ġunju 2003 dwar il-konklużjoni ta’ Ftehim li għandu l-għan li jġedded il-Ftehim dwar il-kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa (ĠU L 229, 18.11.2003, p. 20).

³ Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/313/KE tat-30 ta’ Marzu 2009 dwar it-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa (ĠU L 92, 4.4.2009, p. 3).

⁴ Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/50/UE tal-20 ta’ Jannar 2014 dwar it-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa (ĠU L 32, 1.2.2014, p. 1).

- (4) Iż-żewġ Partijiet ikkonfermaw l-intenzjoni tagħhom li jġeddu l-Ftehim għal perjodu addizzjonali ta' ħames snin mingħajr ebda emenda fil-Ftehim.
- (5) L-attivitajiet taħt il-Ftehim għandhom jirrispettaw b'mod strett il-kundizzjonijiet u l-proċeduri previsti fil-miżuri restrittivi adottati taħt l-Artikolu 215 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
- (6) Jenħtieġ li t-tiġdid tal-Ftehim jiġi approvat f'isem l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-tiġdid tal-Ftehim fuq kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa, għal perjodu addizzjonali ta' ħames snin, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni Ewropea, jinnotifika lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li l-Unjoni lestiet il-proċeduri interni tagħha meħtieġa biex jiġi mġedded il-Ftehim f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 12 tal-Ftehim.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
